MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Awwissu, 2012

Numru. 796/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frankie Sammut)**

**vs**

**Kurt Grech ta’ 23 sena iben Jacob u Nicolina nee` Portelli, imwieled Pieta` nhar 19/09/1988, u residenti Blk 4, Flt 1, Triq il-Pellegrinagg, Bormla, detentur tal-karat ta’ l-identita numru 433988(M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli bejn il-lejl tal-25 ta’ Gunju 2012 fl-inhawi ta’ Bormla, ikkommetta serq ta’ oggetti u cioe hames pitturi, liema serq, li ar ghad-detriment ta’ Francis Teuma minn Bormla u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 116.57 imma mhux aktar minn Euro 2329.37, kif ukoll huwa ikkwalifikat bil-hin, kif ukoll bil-mezz u bil-valur.

U aktar talli fl-istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentement, b'kull mod li jkun indahal sabiex ibieghhom jew imexxihom u cioe` hames pitturi liema oggett gej minn serq ikkwalifikat bil-valur li jammonta ghal aktar minn Euro 116.57 imma mhux izjed minn Euro 2329.37

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunses tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputat liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputat inghata zmien xieraq sabiex jirrikonsidra l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputat l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-fedina penali nadifa tieghu, il-fatt illi l-imputat ikkollabora mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom, il-resfurtiva giet irkuprata u l-fatt illi l-imputat ghandu bzonn direzzjoni f'hajtu sabiex hu ma jibqghax fit-triq tad-delinkwenza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 261(f)(b)(e), 263 (a), 270, 269(g) 3345, u 17h tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta  issib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta qed tqieghed lil hati taht Ordni ta' Probation ghal zimen tlett snin mil-lum

Il-Qorti qed twissi lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' Probation jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi kondizzjoni imposta fuqu f'din l-ordni jew jekk huwa jonqos milli jsegwi xi ordni mghotija lili mill-Ufficjal tal-Probation.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------